

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

L-annullament tad-deċiżjoni li t-talba għal assistenza mressqa mir-rikorrenti tiġi arkivjata.

Talbiet tar-rikorrenti

- jannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni, tas-7 ta' Ġunju 2010, li jarkivja t-talba għal assistenza tar-rikorrenti tal-5 ta' Diċembru 2007;
- jikkundanna lill-Kummissjoni tħallas għad-dannu morali subit mir-rikorrenti, iffissat għal EUR 10 000, bir-riżerva ta' żieda matul il-proċedura, kif ukoll li tirrimborsa l-ispejjeż inkorsi matul il-proċedimenti prekontenzjużi;
- jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' April 2011 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-49/11)

(2011/C 186/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: B. Rohde-Liebenau, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex ineħħi ċerti dokumenti mill-fajl mediku tiegħu u talba għad-danni.

Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent isostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għandu:

- jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra tas-17 ta' Jannar 2011 (Nru. R/588jO);
- jikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tħallas l-ammont ta' EUR 363,23 lir-rikorrent bħala rimbors għal spejjeż mediċi;
- jordna lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi aċċess għall-fajl personali kollu flimkien mal-fajls mediċi lit-tabib tar-rikorrent, jew
 - sussidjarjament, billi tibgħatu lir-rappreżentant legali tar-rikorrent f'din il-kawża;
 - sussidjarjament, billi tipprovdi aċċess għal kopja tal-fajl kollu;

— sussidjarjament, billi tipprovdi aċċess elettroniku għall-fajl kollu;

— jordna lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara li ma jeżistu ebda fajls personali jew mediċi addizzjonali jew paralleli għal dawn, jew

— sussidjarjament, tordna lill-Kummissjoni sabiex tħassar kull fajl addizzjonali jew kopji tiegħu,

— sussidjarjament, tordna lill-Kummissjoni sabiex iddaħħal il-kontenut kollu tagħhom fil-fajl personali regolari (jew il-fajl mediku tiegħu);

— jikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi kumpens għad-dannu subit minħabba l-ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, liema ksur għamel ħsara fuq l-unur u r-reputazzjoni tiegħu, f'ammont meqjus xieraq *ex aequo et bono* mit-Tribunal u skont il-prassi stabbilita, iżda mhux inqas mid-dħul nett tal-applikant f'sena fi żmien l-impjieġ regolari tiegħu mal-konvenuta immedjatament qabel l-inċident tal-2000;

— jikkundanna lill-Kummissjoni sabiex tħallas lir-rikorrent somma f'daqqa ta' EUR 717 863,04 jiġifieri tmien darbiet il-paga bażika annwali tiegħu kkalkolata abbażi tal-ammonti ta' paga rċevuti matul it-tnax-il xahar qabel l-inċident skont l-Artikolu 73(2b) tar-Regolamenti tal-Persunal, jew

— sussidjarjament, parti minn dan l-ammont, skont kif meqjus xieraq mit-Tribunal *ex aequo et bono*;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas tal-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' April 2011 — ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-50/11)

(2011/C 186/69)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: P. Nelissen Grade u G. Leblanc, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-AIPN li tagħti lir-rikorrent punt wieħed ta' mertu għar-rapport ta' evalwazzjoni 2009.